**Emenda 299**
**Nils Torvalds**
f'isem il-Grupp ALDE

**Rapport** **A8-0381/2017**
**Gabriel Mato**
Il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi
(COM(2016)0134 - C8-0117/2016 - 2016/0074(COD))

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(8 a) Huma meħtieġa miri kwantifikabbli bil-għan li jkun hemm proċedura ta' reġjonalizzazzjoni effiċjenti filwaqt li fl-istess ħin jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn ir-reġjuni marittimi tal-UE kollha*** |

Or. en



MT Magħquda fid-diversità MT

**Emenda 300**
**Nils Torvalds**
f'isem il-Grupp ALDE

**Rapport** **A8-0381/2017**
**Gabriel Mato**
Il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi
(COM(2016)0134 - C8-0117/2016 - 2016/0074(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(d a) jappoġġaw il-ksib ta' Deskritturi 1, 3, 4 u 6, stabbiliti fl-Anness 1 tad-Direttiva 2008/56/KE.*** |

Or. en

**Emenda 301**
**Nils Torvalds**
f'isem il-Grupp ALDE

**Rapport** **A8-0381/2017**
**Gabriel Mato**
Il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi
(COM(2016)0134 - C8-0117/2016 - 2016/0074(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jiżguraw li l-qabdiet ta' speċi tal-baħar iżgħar mill-qisien minimi ta' referenza għall-konservazzjoni ***ma jaqbżux il-5% tal-volum skont l-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 15*** tar-Regolament (UE) ***Nru 1380/2013***. | (a) jiżguraw li l-qabdiet ta' speċi tal-baħar iżgħar mill-qisien minimi ta' referenza għall-konservazzjoni ***jitnaqqsu progressivament għal livelli 25 % taħt il-livelli speċifiċi għas-sajd ewlieni, definiti fil-paragrafu 1a(ġdid), fi żmien sitt snin mid-data tal-pubblikazzjoni tar-regolament attwali.***<br>***F'konformità mal-proċedura deskritta fl-Artikolu 18*** tar-Regolament (UE) ***Nru 1380/2013, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tirranġa r-rata ta' tnaqqis li tinsab fis-subparagrafu preċedenti abbażi ta' riċerka xjentifika approvata mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd***.<br>***Ir-rata ta' tnaqqis riveduta għandha tiġi adottata mill-istess proċedura kull sitt snin.*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 302**
**Nils Torvalds**
f'isem il-Grupp ALDE

**Rapport** **A8-0381/2017**
**Gabriel Mato**
Il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi
(COM(2016)0134 - C8-0117/2016 - 2016/0074(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***1 a. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddefinixxi, għall-iskopijiet tal-punt (a) tal-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu:*** |
| | ***(a) is-sajd ewlieni msemmi f'dak il-punt;*** |
| | ***(b) il-livelli ta' qbid attwali ta' speċijiet tal-baħar taħt id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni għal kull wieħed minn dawk l-oqsma ta' sajd ewlenin, abbażi tad-data pprovduta mill-Istati Membri għas-snin ta' referenza 2010-2015;*** |
| | ***Għall-iskopijiet tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 1a, l-Istati Membri jistgħu jippreżentaw rakkomandazzjoni konġunta skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 sa 12-il xahar wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*** |
| | ***Fejn ma tkun ġiet ippreżentata ebda rakkomandazzjoni konġunta fi żmien it-12-il xahar imsemmija f'dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha, sa 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, tadotta tali atti delegati.*** |

Or. en